

Brussell, 28 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8978/18

CONOP 46
CODUN 20
COARM 163
CFSP/PESC 445

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu fl-armi ħfief u ta' kalibru żgħir, fid-dawl tat-Tielet Konferenza ta' Rieżami għar-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar is-SALW (New York, 18-29 ta' Ġunju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu fl-armi ħfief u ta' kalibru żgħir, fid-dawl tat-Tielet Konferenza ta' Rieżami għar-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar is-SALW (New York, 18-29 ta' Ġunju 2018), kif adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Mejju 2018.

**KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR POŻIZZJONI TAL-UE DWAR IL-ĠLIEDA
KONTRA L-KUMMERĊ ILLEĊITU FL-ARMJI ĦFIEF U TA' KALIBRU ŻGĦIR, FID-
DAWL TAT-TIELET KONFERENZA TA' RIEŻAMI GĦAR-RIEŻAMI TAL-
IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM TA' AZZJONI TAN-NU DWAR IS-SALW
(NEW YORK, 18-29 TA' ĠUNJU 2018)**

1. Il-Kunsill jinnota li l-armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti qed ikomplu jikkontribwixxu għall-instabbiltà u l-vjolenza bl-armi, ixekklu l-iżvilupp sostenibbli u l-isforzi tal-maniġġar ta' kriżijiet, ikomplu jiddestabilizzaw reġjuni sħaħ, l-istati ġewwa fihom u s-soċjetajiet tagħhom, ikattru l-vjolenza bl-armi u l-kriminalità organizzata, u jamplifikaw l-impatt ta' attacchi terroristiċi. Għalhekk, il-Kunsill huwa impenjat biex jipprevjeni u jrażżan il-kummerċ illeċitu tas-SALW u l-munizzjon tagħhom u jippromwovi l-obbligu ta' rendikont u r-responsabbiltà fir-rigward tal-kummerċ legali tagħhom.
2. Il-Kunsill jikkunsidra l-Programm ta' Azzjoni tan-NU għall-prevenzjoni, il-ġlida kontra u l-qerda tal-kummerċ illeċitu f'armi ħfief u ta' kalibru żgħir fl-aspetti kollha tiegħu (PtA) bħala l-qafas universali fil-ġlida kontra t-theddida kkawżata mis-SALW illeċiti u jappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tiegħu fil-livelli nazzjonali, reġjonali u globali.
3. Il-Kunsill jilqa' t-Tielet Konferenza ta' Rieżami li jmiss li ser issir fi New York mit-18 sad-29 ta' Ġunju 2018 (RevCon3) li tirrappreżenta opportunità biex jiġi rieżaminat il-progress fl-implimentazzjoni tal-PtA. Il-Kunsill jikkunsidra li r-RevCon3 għandu jkollha l-ambizzjoni li tiżgura r-rilevanza u ż-żieda tal-effikaċja tal-PtA.
4. Il-Kunsill ifakkar li fit-3 ta' April 2017 huwa adotta d-Deċiżjoni 2017/633/PESK li tappoġġa azzjonijiet favur eżitu ta' suċċess u rilevanti tar-RevCon3 tal-PtA permezz ta' sensiela ta' simpożji tematiċi u konferenzi reġjonali u attivitajiet oħra.

5. L-Unjoni Ewropea ser tikkontribwixxi b'mod kostruttiv għal eżitu ta' kunsens sinifikanti u konkret tar-RevCon3 filwaqt li tfittex li l-oġettivi ewlenin li ġejjin jiġu riflessi fid-dokument ta' eżitu tal-Konferenza:
- i. Rikonoxximent li l-implimentazzjoni tal-PtA hija appoġġata minn sinerġiji ma' strumenti internazzjonali b'oġettivi simili bħalma huma t-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi u l-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar, fost oħrajn dwar l-obbligi ta' rappurtar.
 - ii. Żieda tal-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-qerda tal-kummerċ illeċitu tal-munizzjon fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PtA.
 - iii. Rikonoxximent li, skont l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli l-iżvilupp ma jistax jiġi rrealizzat mingħajr il-paċi u s-sigurtà u li l-paċi u s-sigurtà jkunu fil-periklu mingħajr l-iżvilupp sostenibbli u li t-trażżin tal-kummerċ illeċitu tas-SALW u l-munizzjoni huwa kruċjali f'dan ir-rigward.
 - iv. Rikonoxximent tal-impatti differenti tal-vjolenza bl-armi fuq in-nisa, l-irġiel, il-bniet u s-subien, u l-promozzjoni tar-rwol tan-nisa fl-implimentazzjoni tal-PtA u s-sensibilizzazzjoni dwar id-dimensjoni tal-ugwaljanza tas-sessi fl-azzjonijiet ta' kontroll tas-SALW bħala kondizzjoni biex ikunu effettivi.
 - v. Teħid ta' azzjoni biex tippreserva u żżid l-effikaċja tal-Programm ta' Azzjoni u l-Istrument Internazzjonali tat-Traċċar fid-dawl tal-iżviluppi fit-teknoloġija, id-disinn, il-manifattura u l-kummerċ tas-SALW. B'rabta ma' dan, l-UE hija partikolarment imħassba li x-xejra li qed tiżdied ta' armi ħfief b'disinn modulari u n-nuqqas ta' standard globali dwar kif u fejn jiġu mmarkati dawn l-armi, qed tissogra li ddgħajjef bil-mod il-mod il-kapaċità li jiġu ttraċċati dawn l-armi. Sabiex issir possibbli u tinżamm il-kapaċità tat-traċċar ta' SALW modulari, jeħtieġ li l-Konferenza ta' Rieżami taqbel dwar proċess bil-għan li jintlaħaq kunsens dwar l-immarkar ta' SALW modulari.

- vi. Promozzjoni tal-intraċċar sistematiku tas-SALW illeċiti sekwestrati, l-iskambju ta' informazzjoni bejn aġenziji kompetenti fil-livelli nazzjonali, reġjonali u dak globali, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali, u l-użu ta' din l-informazzjoni biex tiġi identifikata u titwaqqaf id-diverżjoni.
 - vii. Sottolinjar tar-rwol ta' prattiki ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-armi responsabbli fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tas-SALW, inkluż permezz tal-valutazzjoni tar-riskju tad-diverżjoni qabel l-ġhoti ta' liċenzji tal-esportazzjoni.
 - viii. Appoġġ għall-attivitajiet ta' kontroll ta' SALW f'żoni affettwati mill-kunflitt permezz ta' rwol akbar għall-operazzjonijiet tan-NU u reġjonali ta' appoġġ għall-paċi, filwaqt li tiġi kkunsidrata fuq bażi ta' każ b'każ, l-inklużjoni ta' assistenza għall-monitoraġġ tal-embargo fuq l-armi u l-ġestjoni tal-ħażniet meta jiddefinixxu l-mandat tagħhom.
 - ix. Enfasi tar-rwol tal-PtA fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. L-implimentazzjoni effettiva tal-PtA tikkontribwixxi lejn ix-xkiel tal-akkwist tas-SALW minn terroristi, u b'hekk tnaqqas l-impatt potenzjali tal-attakki tagħhom.
 - x. Appoġġ għar-rwol importanti li jaqdu l-organizzazzjonijiet reġjonali fl-implimentazzjoni tal-PtA kif ukoll għall-involvement tar-riċerkaturi, is-soċjetà ċivili u l-industrija fl-attivitajiet relatati mal-PtA b'mod ġenerali.
6. Elaborazzjoni tal-oġġettivi tal-UE għall-eżitu tal-Konferenza ta' Rieżami tista' tinstab fid-dokument ta' pożizzjoni fl-anness.

**DOKUMENT TA' POŻIZZJONI TAL-UE GĦAT-TIELET KONFERENZA TA' RIEŻAMI
TAL-PROGRAMM TA' AZZJONI TAN-NU GĦALL-PREVENZJONI, IL-ĠLIEDA
KONTRA U L-QERDA TAL-KUMMERĊ ILLEĊITU F'ARMJI ŻĠĦAR U ARMAMENTI
ĦFIEF FL-ASPETTI KOLLHA TIEGĦU**

L-Unjoni Ewropea ser tikkontribwixxi b'mod kostruttiv għal eżitu ta' kunsens sinifikanti u konkret tat-Tielet Konferenza ta' Rieżami tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU. Flimkien mal-10 oġettivi ewlenin tal-UE msemmija fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill u filwaqt li telabora fuqhom, l-UE ser tressaq il-pożizzjonijiet li ġejjin:

1. L-UE tappoġġa li fid-dokument ta' eżitu tar-RevCon3 issir referenza għad-dokumenti li ġejjin:
 - id-dokumenti ta' eżitu tal-laqgħat intersessjonali tal-PtA (il-5 Laqgħa Biennali tal-Istati fl-2014 u s-6 Laqgħa Biennali tal-Istati fl-2016);
 - ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar Armi żgħar u armamenti ħfief lill-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-2016 (A/CONF.192/BMS/2016/1) u lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-2017 (S/2017/1025) u l-2015 (S/2015/289);
 - ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar Żviluppi reċenti fl-armi żgħar u armamenti ħfief fil-manifattura, it-teknoloġija u d-disinn u l-implikazzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Istrument Internazzjonali tat-Traċċar lill-Assemblea Ġenerali tan-NU (A/CONF.192/BMS/2014/1);
 - ir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar is-SALW (UNSCR 2117 tal-2013, UNSCR 2220 tal-2015 u 2370 tal-2017);
 - ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (UNSCR 1325 tal-2000 u riżoluzzjonijiet sussegwenti), b'referenza speċjali f'dan ir-rigward għal UNSCR 2242 tal-2015 li tinkoraġġixxi b'mod speċifiku l-emanċipazzjoni tan-nisa bl-isforzi relatati mal-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-qerda tat-trasferiment illeċitu, u l-akkumulazzjoni destabilizzanti u l-użu ħażin ta' armi żgħar u armamenti ħfief;

- ir-Riżoluzzjoni 1612 tal-2005 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar it-tfal u l-konflitt armat;
- id-dokumenti tal-OSKE dwar is-SALW.

2. Fir-rigward tal-konsiderazzjoni tal-implimentazzjoni tal-PtA l-UE tappoġġa l-inklużjoni tal-elementi li ġejjin fid-dokument ta' eżitu tar-RevCon3:

- i. Il-promozzjoni tal-implimentazzjoni nazzjonali permezz ta' korpi ta' koordinazzjoni bejn l-aġenziji nazzjonali, pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali, punti ta' kuntatt nazzjonali, leġislazzjoni li tinkludi klawnsoli penali, regolamenti u proċeduri amministrattivi, u monitoraġġ fir-rigward tal-aspetti rilevanti taċ-ċiklu tal-ħajja tas-SALW inkluż il-manifattura, il-kontroll tal-esportazzjoni u l-kummerċ, il-ħżin u r-rimi.
- ii. Il-promozzjoni tal-komponenti tas-SALW fil-kooperazzjoni għas-sigurtà bilaterali u interreġjonali, inkluż il-kooperazzjoni transfruntiera u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u tad-dwana sabiex jitrażżan il-kummerċ illeċitu tas-SALW.
- iii. It-tisħiħ tar-rwol u l-ġhoti tas-setgħa lill-organizzazzjonijiet (sotto)reġjonali biex jassistu lill-istati fl-implimentazzjoni tagħhom tal-PtA.
- iv. L-awtorizzazzjoni u l-promozzjoni tal-iskambju u l-użu ta' informazzjoni dwar xejriet identifikati ta' kummerċ illeċitu u diverżjoni, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali, anke permezz ta' bażijiet ta' data fuq l-internet fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak internazzjonali, b'appoġġ għar-rwol tal-Interpol u tan-NU f'dan ir-rigward.
- v. Il-promozzjoni, fil-kuntest tal-kontroll tal-esportazzjonijiet tas-SALW, tal-applikazzjoni ta' ftehimiet tal-utent aħħari.
- vi. It-tħeġġiġ tal-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda fid-disinn tas-SALW li joffru opportunitajiet għall-kontroll tas-SALW.
- vii. Iż-żieda fl-isforzi għas-Sigurtà Fiżika u l-Ġestjoni tal-Ħażniet (PSSM) inkluż permezz tal-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda.

- viii. It-titjib tal-iskambju tal-informazzjoni fir-rigward tas-sekwestru ta' armi, f'konformità mal-leġislazzjonijiet nazzjonali, sabiex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet u jitjiebu l-opportunitajiet għall-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet, partikolarment b'enfasi fuq il-kooperazzjoni reġjonali.
- ix. Il-promozzjoni ta' u l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-istandards u l-aħjar prattiki għall-ġestjoni ta' armi żgħar (bħall-Istandards Internazzjonali għall-Kontroll tal-Armi Ħfief - ISACS) u l-munizzjon (bħall-Linji Gwida Tekniċi Internazzjonali dwar il-Munizzjon - IATG).
- x. Il-promozzjoni tat-trasparenza bit-tkegħgiġ tal-Istati biex jikkondividu l-punti nazzjonali ta' kuntatt għall-PtA, u biex jippreżentaw ir-rapporti ta' kull sentejn tagħhom dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-PtA u l-ITI, biex jinkludu s-SALW fir-rapporti tagħhom għar-Reġistru tan-NU tal-Armi Konvenzjonali, u l-promozzjoni ta' sinerġiji dwar din il-kwistjoni ma' strumenti internazzjonali oħrajn relatati.
- xi. L-indirizzar tal-manifattura u l-modifika illeċiti tas-SALW u tal-komponenti tagħhom, inkluż permezz tal-produzzjoni artiġjanali, il-manifattura addittiva (l-istampar 3D), ir-riattivazzjoni tal-armi tan-nar diżattivati u l-konverżjoni ta' armi tan-nar inbjank.
- xii. Il-promozzjoni ta' prattiki tajba fir-rigward tad-diżattivazzjoni biex is-SALW isir inoperabbli b'mod permanenti u biex ir-riattivazzjoni issir fiżikament possibbli, fost l-oħrajn permezz tal-promozzjoni tal-istandards stabbiliti mir-Regolament tal-UE 2015/2403.
- xiii. Il-promozzjoni tal-qerda bħala l-għażla ppreferuta għad-destinazzjoni tas-SALW żejda.
- xiv. L-indirizzar tal-importanza dejjem tikber ta' tranżazzjonijiet online u permezz tal-internet fir-rigward tal-kummerċ illeċitu fis-SALW u l-partijiet u l-komponenti tagħhom.
- xv. L-indirizzar tad-differenzi fil-leġislazzjoni fost l-Istati li jiffaċilitaw il-kummerċ u l-produzzjoni illeċiti tas-SALW, inkluż il-konverżjoni ta' armi tan-nar inbjank f'armi tan-nar li jiffunzjonaw.
- xvi. Il-promozzjoni, fi ħdan il-mandat tagħhom u fejn xieraq, ta' rwol akbar għall-operazzjonijiet tan-NU u reġjonali għaż-żamma tal-paċi fil-qasam tas-SALW illeċiti.

xvii. Jittieħed kont ta' kwistjonijiet ta' SALW u munizzjon fi programmi ta' rikostruzzjoni ta' wara konflitt u programmi ta' Demobilizzazzjoni, Diżarm u Reintegrazzjoni (DDR) u ta' Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (RSS) b'mod partikolari.

3. Fir-rigward tal-konsiderazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istrument Internazzjonali tat-Traċċar (ITI) l-UE tappoġġa l-inklużjoni tal-elementi li ġejjin fid-dokument ta' eżitu tar-RevCon3:

- i. Tiġi żgurata l-effikaċja tal-ITI fid-dawl tal-iżviluppi fit-teknoloġija u d-disinn tas-SALW. B'rabta ma' dan, l-UE hi partikolarment imħassba li x-xejra li qed tiżdied ta' armi ħfief b'disinn modulari u n-nuqqas ta' standard globali dwar kif u fejn jiġu mmarkati dawn l-armi, qed tissogra li ddgħajjed bil-mod il-mod il-kapaċità li dawn l-armi jiġu ttraċċati. Sabiex issir possibbli u tinżamm il-kapaċità tat-traċċar ta' SALW modulari, jeħtieġ li l-Konferenza ta' Rieżami taqbel dwar proċess bil-għan li jintlaħaq kunsens dwar l-immarkar ta' SALW modulari. Dan il-proċess għandu jwassal għal dokument ta' kunsens supplimentari għall-ITI, pereżempju anness. Minbarra ftehim dwar l-immarkar ta' SALW modulari, dan id-dokument għandu jirrifletti wkoll implikazzjonijiet oħra tal-iżviluppi fit-teknoloġija u d-disinn tas-SALW, inkluż aktar użu ta' polimeri, u żviluppi fl-immarkar, żamma ta' reġistri u traċċar. Dokument bħal dan jiżgura li l-iżviluppi fit-teknoloġija u d-disinn ma jrendux l-ITI inqas effettiv.
- ii. Promozzjoni tal-immarkar tal-importazzjonijiet - kif meħtieġ skont l-ITI - jekk jista' jkun fil-mument tal-manifattura.
- iii. Promozzjoni tal-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda għal immarkar, żamma ta' reġistri u traċċar aktar effettivi tas-SALW. Is-sommarju mill-President tat-tieni Laqgħa ta' Esperti tal-Gvern fl-2015 (MGE2) fih is-sejbiet u l-proposti rilevanti f'dan ir-rigward.
- iv. Tisħiħ tal-mekkaniżmi għall-iskambju ta' informazzjoni dwar sistemi nazzjonali tal-immarkar fil-mument tal-manifattura kif ukoll dwar proċeduri standard marbuta ma' SALW konfiskati mhux immarkati.

- v. Promozzjoni tal-implimentazzjoni nazzjonali tal-ITI permezz ta' leġislazzjoni fir-rigward tal-immarkar, żamma ta' reġistri u traċċar u tfassil ta' rapporti ta' kull sentejn, stabbiliment ta' punti ta' kuntatt nazzjonali u żvilupp ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali.
- vi. Bini ta' kapaċità għat-traċċar ta' SALW u munizzjon illeċiti f'żoni milquta minn konflitt peress li tista' tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni u t-trażżin ta' flussi ta' armi illeċiti f'żoni ta' konflitt. Dan jista' jsir bl-appoġġ għall-involviment ta' operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi tan-NU u reġjonali fil-ġbir, reġistrazzjoni, traċċar u qerda ta' SALW illeċiti u l-munizzjoni tagħhom, skont il-mandati tagħhom u, meta jkun possibbli, b'kooperazzjoni ma' gruppi ta' esperti tan-NU inkarigati mill-monitoraġġ ta' embargos tan-NU fuq l-armi; bl-appoġġ għall-bini tal-kapaċità għall-aġenziji lokali tas-sigurtà u l-infurzar tal-liġi għat-traċċar u l-investigazzjoni, flimkien mal-promozzjoni tal-bażi tad-data iArms tal-Interpol u bażijiet tad-data oħra rilevanti; u bl-appoġġ għal inizjattivi bħal iTrace mill-Conflict Armament Research.

4. Fir-rigward tal-konsiderazzjoni tal-kooperazzjoni u l-assistenza internazzjonali l-UE tappoġġa l-inklużjoni tal-elementi li ġejjin fid-dokument ta' eżitu tar-RevCon3:

- i. Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni permezz ta' kooperazzjoni u assistenza għal attivitajiet ta' kontroll tas-SALW.
- ii. Valutazzjoni tal-impatt tal-kooperazzjoni u l-assistenza li ġiet ipprovduta għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni u preżentazzjoni tal-eżitu ta' din il-valutazzjoni lil Laqgħa Biennali tal-Istati fil-proċess intersessjonali tal-Pjan ta' Azzjoni.
- iii. Jiżdiedu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-isforzi ta' assistenza permezz ta' titjib fil-koordinazzjoni b'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet reġjonali, id-donaturi u l-aġenziji ta' implimentazzjoni rilevanti li jappartjenu kompletament lil, u jekk jista' jkun jitmexxew minn, il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tal-istati riċevituri.
- iv. Appoġġ għall-Fond Fiduċjarju UNSCAR tan-NU.

- v. Tiżdied it-trasparenza fil-kooperazzjoni u l-assistenza fil-qasam tal-kontroll tas-SALW permezz ta' qbil fost id-donaturi dwar repożitorju globali fejn tiġi rreġistrata l-assistenza għall-kontroll tas-SALW.
-